### LIL...

Ħabib, li sfajt imgħajjar mingħajr ħtija,
Mnassas minn min żammejt b-egħżeż ħabib.
Tbissem l-istess. F'did-dinja, x'nistgħu nagħmlu?
Min għandu bżonn qassis, min bżonn tabib.

### MA NAĦMELX...

Fih ma naħmilx mhux l-għerf li huwa ġabar
Fis-sigħat twal ta' studju fl-għorfa tiegħu,
Imma l-egħruq ta' għira u ta' stmerrija
Li bħal sriep ħorox għoġbu jrabbi miegħu:
Huwa għalija TNEJN, mhux bniedem wieħed,
MOĦĦ qawwi mqajjem, l-IEĦOR mħewden, rieqed.

### EPIGRAMMI

Rasu saħnet tassew; ħoloq l-għedewwa
Li stħajjel hu bħal min jikteb id-drammi;
Għajjarhom b'dak li għandhom u m'għandhomx:
Farrakhom—magħhom farrak l-epigrammi.

### TMIEM

Xtaqt ħadtlu b'idu u rġajna' għalli kien,
'Ma jigdem wisq, bħad-dib hu għandu s-snien;
Mhux minnu jiġi li ma ssirx il-ħsara,
Għax għaldaqshekk hu juri l-akbar ħrara.
Ġieħu ma' ħbieb u għedewwa jien kabbart,
Meta nassassni wkoll, tefgħani fl-art.
Meta warrbuh, jien dort in-naħa tiegħu,
Ħaddieħor ma ridux, jien żammejt miegħu.
Minn fuq pinġieni wieħed mill-għedewwa,
Tassew li donnu nesa x'inhu s-sewwa.

.........................................................

Trid tkun ġilda ta' ħmar biex tħallih jgħid,
L-aħjar twarrablu, igħaddi minnek bgħid.
Għajb kbir tassew li t-tmiem kellu jkun dan.
Ġo qalbu daħal Brejbes, ix-Xitan.

---

**NOTA EDITORJALI — Imħabba materjal ieħor li għad fadlilna għall-istampa u n-nuqqas ta' wisa' r-ROKNA EPIGRAMMATIKA ma tkompplix tidher għalissa.**



# KRONAKA TAL-"GHAQDA"

HU ta' sodisfazzjon għalina naraw membri sħabna jħabirku bil-ħeġġa kollha biex ixandru u jkattru l-ideal li għalih kienet twaqqfet il-"Għaqda" tagħna. Din il-ħrara hi xhieda ta' l-ispirazzjoni li l-"Għaqda" tqanqal fi qlub uliedha u hi xhieda wkoll tal-ħtieġa tagħha fil-ħajja kulturali, letterarja u soċjali tal-Maltin kull fejn ikunu jinsabu.

Bis-saħħa tal-membri tagħha l-"Għaqda" wasslet leħenha fl-Eġittu, fi Franza, fl-Ingilterra, fil-Kanada, fl-Amerka u fl-Indja. Issa, bit-tħabrik tal-Membru Akkademiku, is-Sur MANWEL CASSAR, poeta magħruf u kittieb tajjeb, twaqqfet il-"Għaqda tal-Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja", li aħna ngħodduha bħala bint il-"Għaqda" tagħna f'dak il-kontinent u nixtiqulha kull riżq.

Hawn sa nġibu taħdita li saret għall-ftuħ uffiċjali tal-"Għaqda" tal-Awstralja. —- EDITUR.

## TAĦDITA TAL-FTUĦ UFFIĊJALI TAL-GĦAQDA TAL-LETTERATURA TAL-MALTIN FL-AWSTRALJA
## (Literary Society of the Maltese in Australia)

*Minn* MANWEL CASSAR, *Fundatur*

"Nistħajjel li ftit huma dawk il-Maltin, u ċert li ħadd fostkom li ġejtu għal din il-laqgħa letterarja, li ma jafux l-Innu Malti. Fl-aħħar vers ta' l-Innu, Dun Karm talab 'l Alla ħalli "jseddaq l-għaqda fil-Maltin". Tweġiba tajba għal dik it-talba hija l-preżenza tagħna f'din is-sala tal-Kappillan. F'din il-belt kbira, din il-belt-ġnien ta' Melbourne, nofs dinja 'l bogħod minn "dik l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha", inġbarna bħala Maltin magħquda flimkien din id-darba fi ħdan il-"Għaqda tal-Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja", li twaqqfet sewwa sew biex bħal xehda tal-għasel li madwarha jinġabar in-naħal, il-Maltin ta' Victoria u, nittamaw, 'il quddiem, l-oħrajn ta' l-Istati kollha ta' dan il-Kontinent, jiltaqgħu annuna biex ikunu ta' ġieħ lil Malta u biex jagħmlu ġieħ ieħor lilhom infushom meta jersqu lejn it-tieba tal-kultura. Nies li jinteressaw irwieħhom fil-kultura huma nies li qalbhom twieġeb għas-sejħa tal-ġid u tas-sbuħija.